DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ġunju 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

(2007/547/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), it-tielet sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha awtorizza lill-Kummissjoni, biex tinnegozja Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja min-naħa l-oħra, mar-Repubblika ta' l-Armenja, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod proviżorju sa mill-1 ta' Jannar 2007, sakemm jintemmu l-proċeduri rilevanti għall-konklużjoni formali tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, bil-possibbiltà li jkun konkluż fi stadju ulterjuri.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [1].

Artikolu 2

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fil-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

P. STEINBRÜCK

[1] Ara paġna 26 ta' dan il-ĠU.